Sejħa għal Volontieri b'Riżq il-Komunità

Miktub minn Doris Azzopardi
Ippubblikat fuq il-Mument

Ta' kull sena l-Aġenzija Appoġġ tagħmel sejħa għar-reklutaġġ tal-volontiera biex jaħdmu f'żewġ setturi importanti tal-ħidma tagħha is-Support Line 179 u l-Programm Ulied Darna. Tkellimt ma' Stephania Sacco u Graziella Castillo, responsabbli rispettivament mil-volontiera taż-żewġ servizzi.

X'sehem għandhom il-volontiera fl-Aġenzija Appoġġ?
Hemm żewġ servizzi li fihom jaħdmu l-volontiera, il-179 li taħdem b' 85 volontier 24 siegħa kuljum u l-Programm Ulied Darna li jaħdmu 80 volontiera.
Il-PUD jinkorpora tliet proġetti. Hemm grupp ta' volontiera li jmorru jgħinu lil ġenituri fit-trobbija ta' ulied. Grupp ieħor li jissapportjaw lit-tfal fejn jidħol homework. Hemm ukoll grupp ta' volontiera li jwasslu lit-tfal għal appuntamenti mediċi jew psikoloġi. Il-volontiera jaħdmu kolha taħt it-tmexxija ta' nies professjonisti.
Ikun hemm superviżjoni regolari u l-volontier qabel ma jintbagħat biex jagħti s-servizz tiegħu fil-każ tal-Proġett Ulied Darna ikun hemm dak li jissejjaħ matching mill-professjonisti. Dan ifisser li kull volontier ma jintbagħatx bl-addoċċ f'dar iżda qabel isir skrutinju serju għall-ġid sew tal-volontieri kif ukoll għal dawk li se jirċievu s-servizz.
Fl-aħħar tax-xahar il-volontiera jintalbu jagħmlu rapport tal-visti li huma jkunu għamlu lill-familji.

X'jintalab mill-volontiera?
L-ewwel u qabel kollox issir intervista u fiha naraw id-disponibbiltà tan-nies u l-impenn li huma lesti joffru. Il-kamp li fih huma se jikunu qed joperaw jirrikjedi responsabbiltà u dedikazzjoni. Wieħed ma jistax jgħid li se jimpenja ruħu u mbagħad ifalli l-appuntament li jkollu b'konsegwenza li s-servizz lil dik il-familja ma ikunx jista' jingħata kif imwiegħed. Lanqas wieħed ma jista' jagħti l-ħin tiegħu fuq is-Supportline 179 imbagħad ma jippreżentax ruħu u minħabba f'hekk is-servizz għal dik il-frazzjoni ta' ħin jispiċċa jiddependi minn persuna waħda biss.

Aħna naraw x'inhuma l-ħinijiet disponibbli tal-volontiera kollha biex nabbinawlhom ħinijiet adattati għalihom.
Mill-volontiera, barra l-commitment, nitolbu wkoll li ma jiġġudikawx lin-nies li se jkunu qed jaħdmu magħhom, li jkunu kapaċi jieħdu feedback mingħand il-professjonisti fl-oqsma differenti u fuq kollox li jżommu l-kunfidenzjalità.

X'taħriġ jingħata?

Wara li persuna tapplika biex tidħol volontiera magħna issir intervista.
Wara jibda kors ta' tnax il-ġimgħa. Qabel, fil-5 ta' Frar se issir laqgħa ta' informazzjoni waħda fid-9.30 a.m. u l-oħra fl-6 p.m. biex wieħed jattendi skond id-disponibbiltà u fiha jingħata aktar tagħrif dwar l-oqsma ta' xogħol li fihom il-volontiera se jkunu mitluba jaħdmu. Tul il-kors imbagħad ikompli jsir l-iskrutinju għax tkun individwata l-inklinazzjoni tal-persuna u l-liema qasam hu aktar adattat għaliha. It-tul tal-kors jindividwa wkoll l-impenn tal-persuna. Jekk tattendi għal kors kollu allura tkun indikazzjoni tajba li l-commiment ikun hemm. Wara, il-grupp jinqasam biex it-taħriġ imbagħad isir speċifiku għall-kamp li wieħed se jaħdem fih. Għandna volontieri li issa ilhom magħna erba' ħames snin. Dawn ukoll ikomplu jirċievi t-taħriġ. Aħna naħdmu ma' nies vulnerabbli u għalhekk hu importanti li nagħtu t-taħriġ dovut biex il-volontiera jkun kapaċi jaffrontaw is-sitwazzjonijiet li jsibu ruħhom jaħdmu magħhom.

Minn huma l-volontiera?

Għandna nisa tad-dar, studenti kif ukoll persuni li għandhom impjieg full-time iżda jixtiequ jagħmlu xi ħaġa li tagħtihom aktar sodisfazzjon. Għandna etajiet diversi. Aħna naċċettaw volontiera minn 18-il sena 'l fuq. Għandna anke volontiera ta' 'l fuq minn sittin sena. Il-volontieri li japplikaw irid ikollhom għarfien bażiku tal-lingwa Ingliża. Dawk li jaħdmu fuq is-Support Line irid ikollhom ukoll bażi tal-kompjuter. Biss ma nitolbux lawrji jew ċertifikati. Importanti li persuna tkun kapaċi tisma' ma tiġġudikax, lesta li titgħallem u dak li tara u tisma' iżommu għaliha.

Ix-xogħol tal-volontiera jikkomplimenta x-xogħol tal-professjonisti. Aħna nindividwi l-persuni li jkollhom bżonn xi servizz jew ieħor u nassenjaw il-volontiera. Ix-xogħol tal-volontiera ta' Programm Ulied Darna jvarja minn għajnuna lit-tfal fil-homework għal għajnuna fit-trobbija ġenerali tat-tfal jew skills oħra fid-dar. Ix-xogħol fuq is-Support Line hu fuq bażi ta' shift billi s-servizz jibqa' għaddej 24 siegħa kuljum. Nixtiequ l-aktar nies li

jagħtu s-servizz tagħhom filgħaxija u fil-weekends. Aħna ġeneralment għal Programm Ulied Darna nitolbu impenn ta' 3 sigħat fil-ġimgħa filwaqt li għas-Supportline nitolbu 12-il siegħa fix-xahar, prattikament l-istess tul ta' ħin. Ikollna kummenti sbieħ mill-volontiera li jagħtu, iva, iżda jieħdu lura ħafna b'mod partikolari meta jaraw lill-familja jew tfal li qed jgħinu ġejjin 'il quddiem. Is-sodisfazzjoni li tagħti minn ħinek b'riżq is-soċjetà hu kbir.

Nemmen li bosta huma dawk li għandhom ftit tal-ħin f'idejhom u għadhom ma jafux kif u fejn jistgħu jinvestuh. Irġiel u nisa indifferentament. Jekk tridu tkunu ħolqa utili fil-ħidma soċjali fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ tistgħu titolbu aktar informazzjoni billi ċċemplu fuq is-Supportline 179 jew fuq 2295 9000 jew iżżur is-sit elettroniku www.appogg.gov.mt. Tistgħu tiġbru l-applikazzjoni mill-uffiċċju ta' l-Appoġġ f'36 Triq San Luqa, Gwardamanġa jew mill-website. Ma' l-applikazzjoni jkollna bżonn il-kondotta tal-Pulizija u ittra ta' referenza.

l-Aġenzija Appoġġ hi parti mill-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali, li tinkorpora wkoll lil Aġenzija sedqa (www.sedqa.gov.mt) u lil Aġenzija Sapport (www.sapport.gov.mt)